MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## LINO FARRUGIA SACCO

Seduta ta' l-20 ta' Frar, 2007

Citazzjoni Numru. 1014/1996/1

Dalco Company Limited
vs
Violetta Cachia, Joseph Busuttil, Godfrey Busuttil, Jane Busuttil, Carmen Schembri, Michelina Busuttil, Amadeo Busuttil, Margaret Farrugia, Paul Cachia, Carmelo Pace, Mario Pace, Noel Pace, Marcelle Attard, Emanuel Pace, Nikola Pace, Margerita Tabone, Doris Scerri, Winniefred sive Winne Farrugia u b’digriet tal-20 ta’ Frar 1997 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta’ Miriam Galea, Agnes Spiteri, Joe Pace, John Pace u Teresa sive Tessie Calleja minnflok Carmelo Pace li miet fil-mori tal-kawza u b’digriet iehor tal-20 ta’ Frar 1997 il-gudizzju gie trasfuz fil-persuni ta’ Eugenia Farrugia u Charles Pace minnflok Nikola Pace li miet fil-mori tal-kawza u b’digriet tal-15 ta’ Gunju 2005 l-atti gew trasfuzi f’isem Dr. James Scerri Worley, Carmelo sive Charles Pace, Eugenia mart John Farrugia, Alfred Tabone, John Tabone, Maria mart Paul Cauchi, Emanuel sive Noel Pace, Marcelle mart Joseph Attard, Mario Pace, Myriam armla Anthony Galea, Agnes armla minn Lino

Spiteri, Joseph Pace, John Pace u Tessie armla ta' Charles Calleja

Il-Qorti,

**A. CITAZZJONI:**

Rat ic-citazzjoni tas-socjeta` attrici li biha ppremettiet:

Illi s-socjeta` attrici hi propretarja ta' porzjoni ta' art denominata "Ta Haggiem" fil-limiti tal-Mosta liema porzjoni kienet giet akkwistata b'seba' kuntratti kollha fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar datati 6 ta' Frar 1989, 14 ta' Marzu 1991, zewg kuntratti datati 21 ta' Novembru 1988, 23 ta' April 1991, 12 ta' Dicembru 1991 u 25 ta' Mejju 1988 (Dokumenti A sa G);

Illi s-socjeta` attrici hija proprjetarja ta' cirka hamsa u disghin fil-mija (95%) tal-art indiviz.

Illi l-konvenuti kollha kienu sidien ta' parti ohra tal-art denominata fuq imsemmija. (Prospett Dok H).

Illi l-imsemmija socjeta` attrici ma tridx tibqa' in komuni mal-konvenuti u l-art in kwistjoni u

Illi l-art ma hijiex komodament divizibbli bejn il-partijiet kollha

Illi ghalkemm debitament interpellati sabiex jersqu ghal kuntratt ta' divizjoni l-konvenuti kienu baqghu inadempjenti.

Is-socjeta` attrici talbet lill-Qorti:

1. tordna li ssir id-divisjoni tal-parti indiviza tal-ghalqa denominata Ta' Haggiem fil-limiti tal-Mosta u dan skond il-kwota tal-partijiet okkorendo b'opra ta' periti nominandi u jekk il-porzjoni ta' l-art mhux komodament divizibbli l-bejgh ta' l-istess b' licitazzjoni.

2. jigi nominat Nutar biex jippubblika l-att opportun f’jum, hin u lok li jigu ffissati, flimkien, okkorendo, ma’ kuraturi ghal biex jirrapprezentaw il-kontumaci.

Bl-ispejjez kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti, il-lista tax-xhieda, u d-dokumenti prezentati mis-socjeta` attrici.

**B. ECCEZZJONIJIET:**

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenut Emanuel Pace li biha eccepixxa:

Illi f’ l-ewwel lok l-azzjoni kif proposta ma tistax treggi billi l-art in kwistjoni tifforma parti biss minn universalita` ta’ beni mizmuma in komun bejn il-konvenuti u l-predecessuri fit-titolu tas-socjeta` attrici;

Illi c-citazzjoni hija ukoll nulla u monka ghax ma tispecifikax bl-ebda mod il-kwoti f’ liema ghandha ssir l-pretiza divizjoni, u fi kwalsijasi kaz trid issir il-verifika tal-kwoti ;

Fil-meritu kienet trid issir il-prova tat-titolu tal-atturi u l-predecessuri fit-titolu taghhom.

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti u l-lista tax-xhieda prezentati mill-konvenuti.

Rat in-nota ta’ eccezzjonijiet tal-konvenuti Joseph Busuttil, Godfrey Busuttil, Jane Buttigieg u Carmen Schembri li biha eccepew:

1. Illi salva l-verifika tat-titolu u kwoti rispettivi tal-partijiet, il-konsistenza u l-valur ta’ l-assi, huma ma kienux qed jopponu ghal divizjoni ta’ l-art u lanqas it-talba ghal bejgh b’licitazzjoni jekk l-art mhijiex komodament divizibbli.

Salvi eccezzjonijiet ohra.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet l-abili difensuri.

Ikkunsidrat

**C. PROVI:**

Rat id-dikjarazzjoni ta' David Camilleri bhala Direttur ghan-nom u in rapprezentanza ta' Dalco Company Limited li fiha ssemma li b'seba' kuntratti fl-atti tan-Nutar Pierre Cassar is-socjeta` attrici kienet xtrat porzjoni ta' art formanti parti mill-ghalqa denominata Ta' Haggiem fil-limiti tal-Mosta fil-kontrada "Tal-Giza" fuq Wied Speranza, accessibbli minn Sqaq Hanzira u minn triq gdida bl-isem li tizbokka f'Consitution Street, kif ahjar deskritt fl-imsemmi kuntratti. Illi s-socjeta` attrici ghalhekk akkwistat parti indiviz tal-art formanti parti tat-territorju missejjah "Ta' Haggiem" u llum is-socjeta` attrici hija sid ta' circa 95% tal-art in kwistjoni jew sehem verjuri. Il-konvenuti kienu s-sidien tal-partijiet l-ohra ta' l-istess bicca art. Is-socjeta` attrici ma riditx tibqa' in komuni mal-konvenuti u l-art in kwistjoni ma kenitx komodament divizibbli bejn il-partijiet kollha. Illi ghalkemm interpellati sabiex jersqu ghad-divizjoni l-konvenuti kienu baqghu inadempjenti.

Rat id-dikjarazzjoni ta' Emmanuel Pace li fiha ssemma li dwar il-fatti kif dikjarati f' l-ewwel paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi dawn ma kienux kontestati fis-sens li attwalment kienu saru l-kuntratti in kwistjoni, pero` dawk il-kuntratti ma setghux validament jittrasferixxu titolu billi l-art in kwistjoni tifforma parti minn wirt ikbar li ghal dak li fadal minnu kien ghad irid jigi diviz. Dwar il-fatti kif dikjarati fit-tieni paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi dawn kienu kontestati ghaliex ma setghetx is-socjeta` attrici takkwista porzjoni ta' art formanti parti ta' universalita` akbar ta' beni mhux divizi. Dwar il-fatti kif dikjarati fit-tielet paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi dawn ma kienux kontestati salv il-verifika tal-kwoti li ghandhom il-konvenuti mill-wirt fuq imsemmi. Dwar il-fatti kif dikjarati fir-raba', hames u sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni tal-atturi dawn kienu ghalhekk ukoll kontestanti.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti Joseph Busuttil, Godfrey Busuttil, Jane Buttigieg u Carmen Schembri li fiha ssemma li dwar l-ewwel zewg paragrafi tad-dikjarazzjoni attrici, il-konvenuti kienu qed jirriservaw il-pozizzjoni taghhom. Illi dwar it-tielet sas-sitt paragrafu tad-dikjarazzjoni attrici, salva verifika tat-titolu u kwoti rispettivi tal-partijiet, il-konsistenza u l-valur ta' l-assi, huma ma kienux qed jopponu la t-talba ghal divizjoni u anqas it-talba ghal bejgh b'licitazzjoni jekk l-art mhix komodament divizibbli.

Rat id-digriet tad-29 ta' April 1997 li bih l-AIC Joseph Jaccarini gie nominat bhala perit tekniku.

Rat ir-rapport tal-Perit Joseph Jaccarini li fih issemma:

**3.0 "OSSERVAZZJONIJIET.**

3.1 Minn dak li rrizultalu waqt l-access, l-ghalqa inkwistjoni demoninata "Ta; Haggiem" tinsab fil-limiti tal-Mosta, fil-kuntrada msejha "Tal-Giza" fuq Wied ta' l-Ispranza, accessibli, minn Sqaq tal-Hanzira li jintlehaq minn Triq gdida illum bl-isem ta' Triq Patri Guze' Delia, liema triq tikkonfina l-area ta' zvillup li hemm skond il-Pjan ta' Zvillup u ghalhekk l-ghalqa hija barra minn kwalunkwe Development Scheme, izda fil- vicinanzi.

3.2 L-ghalqa li skond ma gie ddikjarat fil-kuntratti esebiti ghandha kapacita' superficjali ta' sitt 6 t'itmiem, siegh, u seba' kejliet, jew 7,062.46 metri kwadri, hija kkonfinata mill-Lvant ma' Sqaq tal-Hanzira, min-Nofs in-Nhar ma' beni ta' Rene' Apap Testaferrata u mill-Punent u mit-Tramuntana mal-beni tan-Nobbli Carmelo dei Conti Sant.

3.3 L-ghalqa hija soggetta ghar-rata taghha ta' cens annwu w perpetwu ta' "…… scudo uno, tari nove, u grana dieci per decime arcidiaconale…." U bi dritt ta' terzi ta' nofs l-ilma tal-bir esistenti kif jidher fil-pjanta esebita fl-Att ippublikat min-Nutar Edwardo Calleja Schembri fl-1 ta' Dicembru, 1930.

**4.0 KWOTI AKKWISTATI MIS-SOCJETA` ATTRICI:**

4.1 Id-dokumenti esebiti mac-citazzjoni jikkonsistu primarjament f'seba kuntratti li bihom is-Socjeta' attrici akkwistat is-sehem taghha fl-art inkwistjoni u dawn il-kuntartti huma:

4.1.1 Kuntratti fl-Atti tan-Nutar Pierre Cassar LL.D., ippublikat fil-25 ta' Mejju, 1988 esebit bhala Dokument "G" fil-Process fejn Emanuele Testaferata de Noto bin il-mejta Aloisia nee' Attard deher ghan-nom ta' Carmenu Pace, bin il-mejtin Pasquale Pace u Maria nee' Testaferata de Noto u dan inkwatru ghas-sehem indiviz ta' **37/7056;**

4.1.2 ghan-nom ta' Richard Paolino Busutill, bin il-mejjet Salvatore u l- mejta June nee' Wilsin, kif ukoll ghal Francesco, Michele, Giovanni, Paolino u Agnes mart Evarist Zammit, ahwa Busuttil, ulied il-mejtin Emanuel Busutill u Marianna nee' Zammit li flimkien ghandhom kwint minn hamsa minn mija u tmiena u sittin indivizi- **1/5 ta' 5/168;**

4.1.3 ghan-nom ta' Rosina Tabone mart Nazzarenu bint il-mejjet Nikola Testaferrat da Noto u Carmela nee' Dalli inkwantu ghas-sehem indiviz ta' **5/168;**

4.1.4 ghan-nom ta' Margerita Tabone mart Joseph, bint il-mejtin Pasquale Pace u Maria nee' Testaferrata de Noto in kwantu ghas-sehem taghha ta' **5/1176;**

4.1.5 ghan-nom ta' Francesca Worley mart James, bint il-mejtin Pasquale Pace u Maria nee' Testaferrata de Noto inkwantu ghas-sehem indiviz ta' **5/1176;**

4.1.6 ghan-nom ta' Nicholas Pace bin il-mejtin Pasquale Pace u Maria nee' Testaferrata de Noto inkwantu ghas-sehem indiviz ta' **5/1176;**

4.1.7 ghan-nom ta' Joseph, Frances mar Kenneth Searle, Vera mart Arthur Thorne, Olga mart Bernard Mc Phearson, u Yvonne mart Christopher Drummond li flimkien ghandhom is-sehem indiviz ta' **3/168;**

4.1.8 Dehret ukoll Catherine Testaferrata de Noto, bint Emanuele u Pauline Calleja f'isem u ghan-nom ta';

4.1.9 Carmela Zammit u Salvino Zammit ulied il-mejtin Emanul Zammit u Marija Pija Busutill u dan inkwantu ghas-sehem indiviz taghhom ta' **5/168;** din il-frazjoni giet susegwentement dikjarata bhala 0.0064516 jew 1-08/168

4.1.10 Francesco u Paolo Zammit il-mejtin Giuseppe Zammit u Margerita Busutill, u dan inkwantu ghas-sehem indiviz taghhom ta' ¼ **ta' 1/5 ta' 1/168;**

4.1.11 Margaret Cachia, mart Dominic, Catherine Tanti mart Mario, Joseph u Salvino ilkoll ahwa Zammit ulied il-mejtin Michele Zammit u Georgina nee' Busutill u dan inkwantu ghas-sehem taghhom indiviz ta' ¼ **ta' 1/5 ta' 1/168;**

Dan il-kuntratt ghandu d-dettalji kollha rigwardanti l-provenjenza ta' l-eredita' kif kull wiehed imsemmi hawn fuq gie fil-pussess tas-sehem li trasferixxa.

4.2 Kuntratt iehor li gie esebit huwa dak li gie ppublikat fl-Atti tan-Nutar Pierre Cassar fil-21 ta' Novembru, 1988 fejn Evarist Testaferrata de Noto, bin il- mejjet Emanuel u Annie nee' Zahra, deher fis-simu u f'isem ommu Annie Testaferrata de Noto, armla min Emanuel, bint il-mejtin Vincenzo Zahra u Victoria nee' Cassar, fejn ittrasferixxa lis-Socjeta' attrici sehem indiviz ta' 5/28 ta' 1/3 in usufrutt u ¼ **ta' 5/28 ta' 1/3** in-nuda proprjeta' ta' porzzjoni diviza ta' art formanti parti mit-territorju msejjah "Ta' Haggiem" fil-limiti tal-Mosta, bil-kejl din l-art ta' 7062.46 metri kwadri, bic-cens li jaggrava u kondizzjonijiet ohra msemmija fl-Att Originali.

4.3 Kuntratt iehor ippublikat fl-istess jum tal- 21 ta' Novembru, 1988 fl-Att tan-Nutar Pierre Cassar, fejn Irene Buhagiar, mart Philip, u Nicholas (sive Lino), ahwa ulied Emanuel Testaferrata de Noto u Annie nee' Zahra, bieghu lis-Socjeta' attrici in- ½ **ta' 5/28 ta' 1/3** in nuda proprjeta' ta' porzjon diviza ta' art formanti parti mit-territorju msejjah "Ta' Haggiem" fil-limiti tal- Mosta bil-kejl imsemmi fil-

kuntratt precedenti kif ukoll bic-cens u l-kondizzjonijiet kollha.

4.4 Kuntratt iehor li gie esebit huwa dak ippublikat fl-Atti tan-Nutar Pierre Cassar fis-6 ta’ Frar, 1989 fejn Emanuel Testaferrata de Noto, bin il-mejtin Federico u l-mejta Aloisia nee’ Attard u dan inkwantu ghal zewg terzi ndivizi 2/3 u hdax minn tlett mija u sittin minn terz indiviz 11/336 ta’ 1/3, flimkien ma’ Catherine Testaferrata de Noto bint Emanuel u Pauline Calleja, in kwantu ghal terz indiviz ta’ tlieta u ghoxrin parti minn sitta u hamsin parti ndiviza 1/3 ta’ 23/56- ekwivalenti dawn iz-zewg ismha ghal **821/1008** parti mill-Ghalqa msejha “Ta’ Haggem” fil-limiti tal-Mosta, bic-cens li jaggravaha u l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Att originali, gie trasferit lis- Socjeta’ attrici.

4.5 Kuntratt iehor gie esebit huwa dak fl-Atti tan-Nutar Pierre Cassar ippublikat fl-14 ta’ Marzu, 1991 fejn Paolo Fenech, bin il-mejjet Carmelo u Lucia nee’ Fenech biegh lis-Socjeta’ attrici “…… kwalsiasi kwota lilu appartenenti fl-ammont ta’ **5/1008** jew kwalsiasi kwota ohra verjuri ta’ porzjoni divisa ta’ art formanti parti mit-territorju msejjah “Ta’ Haggiem” fil- limiti tal-Mosta u dan bi sehem tac-cens li jaggravaha u l-kondizzjonijiet l-ohra imposti fl-Att tal-akkwist originali u cioe’ dak ippublikat fl’Att tan-Nutar Edoardo Calleja Schembri fl-1 ta’ Dicembru, 1930.

4.6 Kuntratt iehor gie esebit huwa dak fl-Atti tan-Nutar Pierre Cassar ippublikat fit-23 ta’ April, 1991 fejn Alfred Scerri, bin il-mejjet Rafaele u maria nee’ Busutill, biegh lis-Socjeta’ attrici, hames partijiet minn mija tminja u sittin **5/168** jew kwalsiasi kwota ora verjuri ta’ porzjoni diviza mill-art msejha “Ta’ Haggiem” fil-limiti tal-Mosta soggetta ghas-sehem tac-cens u l-kondizzjonijiet imsennija fl-Att originali imsemmi hawn fuq. Din il- kwota sussegwentament kienet giet ikkwotata fl-ammont ta’ 0.00535 jew 1/168.

4.7 L-ahhar kuntratt li gie esebit huwa dak ippublikat fl-Atti tan-Nutar Pierre Cassar fit-12 ta’ Dicembru, 1991 fejn Antonia Bajada, bint il-mejtin Giuseppi Bajada u Giuseppina nee’ Testaferrata de Noto, bieghet lis-Socjeta’

attrici is-sehem ta’ **6/1008** jew kwota ohra korretta ta’ porzjoni diviza ta’ art formanti parti mit-territorju msejjah “Ta’ Haggiem” fil-limiti tal-Mosta u dan is-sehem soggett ghall-parti tac-cens u l-kondizzjonijiet imsemmija fl-Att originali ta’ meta l-art giet akkwistata.

4.8 Kuntratt iehor li gie ppresentat waqt il-gbir tal- provi kien dak li s-Socjeta’ attrici iffirmat ma’ Violetta Cachia fl-20 ta’ April, 2000 fl-Atti tan-Nutar Pierre Cassar fejn is-sehem ikkwotat huwa ta’ **1013/677,376,** ekwivatlenti ghall-frazjoni ta’ 0.001495477 liema sehem gie kkwotat minn David Camilleri, direttur tas-Socjeta’ attrici, wara r-ricerki li hamlet in-Nutar Mary Camilleri Cutajar LL.D., - Dok “DC 6” - bhala 0.0027437 u cioe’ 2.767/1008

5.0 Minn dak li gie suespost, jirrizulta lill-esponenti, li s-Socjeta` attrici akkwistat ismha jew kwoti fl-ammont ta’ **100.35 %** ta’ l-art inkwistjoni, liema cifra ma treggix. L-attur wara u cioe’ fis-seduta li nzammet fit- 12 ta’ Gunju, 2003 ippresenta skeda ta’ korrezzjonijiet li biha wera li l-ammont ta’ ismha li huwa xtara ammontati ghal figura ta’ **100.35 %** riedet tigi ridotta bl-ammont ta’ 4.68 % bir-rizultat li l-ammont li kellha s-Socjeta’ attrici kienet ta’ **95.67%.** Ir-Rimanenti persentagg ta’ **4.33 %** jirrapresenta kwoti ta’ eredi ohra fosthom Emanuel Pace u W. Frrugia. Fix-xhieda li ta’ Emanuel Pace fis-seduta li nzammet fit-23 ta’ April 2001, kien iddikjara li huwa ghandu sehem ta’ 43/1344 li jirrapresentaw **3.**19 **%** Dan il-persentagg jifforma parti mill-perestangg ta’ **4.33 %** imsemmi hawn fuq.

6.0 Mill-Kejl superficjali globali msemmi fl-Atti kollha kemm dak tal-akkwist originali kif ukoll dawk li bihom is-Socjeta’ attrici akkwistat gradwalmemt bejn is-sena 1988 sa 2000 u cioe’ dak ta’ 7,062.46 metri kwadri jappartjenu lill-eredi l-ohra li ma bieghux.

7.0 L-ghalqa ghandha forma kwasi rettangolari bil-faccata fuq il-passagg ta’ cirka 250’0”- mittejn u hamsin pied u fond fuq il-Grigal ta’ cirka 400’0”- erba’ mitt pied u fuq il-Lbicc cirka 340’0” – tlett mija u erbghin pied. Ir-rimanenti parti li ma gietx akkwistata mis-Socjeta’ attrici ghandha l-

kapacita superficjali ta’ 305.80 metri kwadri li jissarfu ghall- 3,291.71 – tlett elef, mittejn u wiehed u disghin punt wiehed u sebghin piedi kwadri li meta tatribwixi li dan il-porzjoni, faccata ta’ tlett qasab jew 20.625 piedi jghatu tul tal- bicca art ta’ 159.598 piedi. Dan kollu huwa suggett ghall-kejl permezz ta’ “land survey”, kemm ghal dak li huwa kejl superficjali kif ukoll ghad-divizzjoni kif giet suggerita.

**KONKLUZJONI.**

L-art suggett tal-Kawza tikkonsisti f’ghalqa li tinsab fil-limiti tal-Mosta msejha “Ta’ Haggiem” fil-kontrada “tal-Giza” fuq Wied Speranza u accessibbli minn Sqaq tal-Hanzira u minn Triq gdid bl-isem, ikkonfinata mill-Lvant mal-Isqaq tal-Hanzira, min-Nofs in-Nhar ma’ beni tal-eredi ta’ Rene Apap Testaferrata u mill-Punent u t-Tramuntana ma’ beni tal- eredi tan-Nobbli Carmelo dei Conti Sant. L-Ghalqa hija kommodament divizibbli billi l-bicca il-kbira giet akkwistata mis-Socjeta’ attrici fl-ammont ta’ 95.67% jew 6756.66 metri kwadri u r-rimanenti parti ta’ 305.80 metri kwadri baqghet tappartjeni lil xi whud mill- eredi.

Din il-parti mill-ghalqa ta’ 305.80 metri kwadri kif diga’ ssemma hawn fuq tissaraf f’ 3291.71 piedi kwadri bi tlett qasab faccata fuq Sqaq Hanzira u tul ta’ circa 159.598 piedi tkun tistgha tifforma “plot” u dan fuq ta’ Nofs in-Nhar jew ahjar il-Lbicc kif murija fl-annessa pjanat Dok “JMJ 1”. Il-kumplament ta’ l-art hija tas-Socjeta’ attrici.”

**D. KUNSIDERAZZJONIJIET:**

Il-kawza in ezami hija fuq talba ghal divizjoni ta’ art u fin-nuqqas li tirrizulta mhux divizibbli li minflok tinbiegh b’licitazzjoni. L-art giet debitament deskritta f’diversi partijiet izda hi specifikata fl-ahhar zewg paragrafi tas-sezzjoni qabel din. Il-perit wasal ghall-konkluzjoni li l-art hija facilment divizibbli. Hu ppropona li l-ghalqa li l-bicca l-kbira taghha giet akkwistata mis-Socjeta` attrici fl-ammont ta’ 95.67% jew 6756.66 metri kwadri u r-rimanenti parti ta’ 305.80 metri kwadri baqghet tappartjeni lil xi whud mill-eredi tigi diviza billi jitqiesu tlett qasab faccata fuq Sqaq Hanzira u tul ta’ circa 159.598 piedi tkun tistgha tifforma

"***plot***" u dan fuq ta' Nofs in-Nhar jew ahjar il-Lbic kif murija fl-annessa pjanta Dok "JMJ 1" li tinsab a fol 112. Il-kumplament ta' l-art hija tas-Socjeta` attrici."

Fl-1 ta' Novembru, 2006 il-qorti giet infurmata li s-socjeta` attrici kienet xtrat l-ishma tal-persuni li huma elenkati a fol 164 ara kuntratt datat 27 ta' Gunju 2006 fol 173.

Dwar l-eccezzjoni li c-citazzjoni hija ukoll nulla u monka ghax ma tispecifikax bl-ebda mod il-kwoti f'liema ghandha ssir il-pretiza divizjoni, u fi kwalsijasi kaz trid issir il-verifika tal-kwoti matul il-kors tal-kawza dawn gew definitivament stabbiliti u ghalhekk tichad din l-eccezzjoni.

Dwar l-eccezzjoni li l-azzjoni kif proposta ma tistax treggi billi l-art in kwistjoni tifforma parti biss minn universalita` ta' beni mizmuma in komun bejn il-konvenuti u l-predecessuri fit-titolu tas-socjeta` attrici, fil-kors tal-kawza ma sarux provi sufficjenti fuq dan l-aspett.  Ukoll mhix raguni valida biex is-socjeta` attrici li hi propjetarja ta' 95.67% tigi mizmuma milli tottjeni d-divizjoni tal-art ***de quo.***

**E. KONKLUZJONIJIET:**

Ghal dawn il-motivi tordna li ssir id-divisjoni [peress li l-art hija komodament divizzibbli]  tal-parti indivisa tal-ghalqa denominata Ta' Haggiem fil-limiti tal-Mosta u dan kif intqal hawn fuq u cioe` billi jitqiesu tlett qasab faccata fuq Sqaq Hanzira u tul ta' circa 159.598 piedi tkun tista' tifforma "***plot***" u dan fuq ta' Nofs in-Nhar jew ahjar il-Lbic kif murija fl-annessa pjanta Dok "JMJ 1" li tinsab a fol 112. Il-kumplament ta' l-art tigi assenjata lis-Socjeta` attrici."

Tinnomina lin-Nutar Dr. Maria Spiteri biex tippubblika l-att opportun fi zmien xahrejn mil-lum; u Dr. I. Sciberras kuratur ghal biex jirraprezenta l-kontumaci.

Bl-ispejjez 95.67% ghas-socjeta` attrici, u l-bqija lill-konvenuti skond il-kwoti rispettivi taghhom.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------